MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 266/2001/1

**MS&A Developments Limited**

**v.**

**Stella armla ta' Gorg Agius; Paul Farrugia u stante l-mewt ta' Paul Farrugia Dott. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina gew nominati b'digriet tal-10 ta' Novembru 2009 bhala Kuraturi Deputati biex jissoktaw il-kawza minflok l-istess Paul Farrugia; Giljan Farrugia; u John Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fil-15 ta’ Frar 2001, li taqra hekk:

“Premess illi permezz ta’ kuntratt datat 9 ta’ Gunju, 1998 is-socjeta` attrici obbligat ruhha favur il-Gvern ta’ Malta li taghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex tinfetah u tigi kostruwita triq pubblika fuq zewg *plots* parti mill-ghelieqi maghrufa bhala “ta’ Cikkun” biswit Sqaq Sigra Triq Birkirkara Ta Giorni San Giljan, kif indikati fuq il-pjanta mahruga mid-Dipartiment tal-Artijiet bin-numru 40/98;

“Premess illi sussegwentement permezz ta’ ittra datata 17 ta’ Novembru 1998 id-Dipartiment tal-Artijiet taht il-Ministeru ghax-xoghlijiet pubblici u kostruzzjoni (Taqsima tal-Artijiet u Kostruzzjoni) awtorizzaw lis-socjeta` attrici sabiex tidhol u tiehu pussess tal-istess art, liema art kienet giet esproprjata permezz tal-Avviz Numru 580 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta’ Lulju 1998;

“Premess illi s-socjeta` hadet dan il-pussess tal-art kif moghti lilha u ghamlet xoghol ghall-kostruzzjoni u ftuh ta’ triq fuq liema baqghet tezercita pussess;

“Premess illi l-konvenuti jew min minnhom hadu l-pussess tal-art in kwistjoni u ghamlu jew min minnhom klandestinament u ad insaputa tas-socjeta` attrici dahlu fuq l-art u fost azzjonijiet ohra imbarraw l-entratura ghal din l-art kif imwitta mis-socjeta` attrici u dan anke billi wahhlu xibka u xi hadid iehor u b’hekk qedghin izommu lis-socjeta` attrici milli tkompli tezercita l-pussess moghti lilha mid-Dipartiment tal-Artijiet;

“Premess illi meta l-konvenuti jew min minnhom ghamlu x-xoghol li bih imbarraw l-entratura ghall-art in kwisjtjoni l-konvenuti jew min minnhom, dahhlu u invadew l-art proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan ghad-dannu tal-istess socjeta` attrici;

“Premess illi l-konvenuti kemm il-darba qabel ma kkommettew dan l-ispoll kienu ppruvaw jottjenu il-hrug ta’ Mandati ta’ Inibizzjoni kontra l-istess socjeta` attrici fejn kienu qeghdin jitolbu li dik is-socjeta ghandha tieqaf milli

tezercita l-pussess moghti lilha u dan bil-Mandati ta' Inibizzjoni fosthom mandati numru 2006/99, 1432/00, 1358/00, 1208/99 u 1861/99 liema gew decizi kontra l-istess konvenuti;

“Premess illi s-socjeta` attrici, wara li fethet l-istess triq, kellha dritt ta' access ghall-proprjeta` taghha mill-istess triq iffurmata minnha fuq l-imsemmija art mil-liema access s-socjeta` attrici giet imcahhda bl-azzjonijiet maghmula mill-konvenuti;

“Ghalhekk ighidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ghaliex m'ghandhiex;

“1. tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom kkommettew spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu tas-socjeta` attrici bl-azzjonijiet taghha fuq premessi;

“2. tordna li s-socjeta` attrici tigi reintegrata fil-pussess taghha fuq premess billi terga' tinghata l-access liberu ghall-proprjeta` taghha minn fuq it-triq fuq imsemmija minnha stess formati;

“3. In difett tawtorizza lis-socjeta` attrici taghmel dawk l-istess xoghlijiet ghas-spejjez tal-istess konvenuti jew min minnhom;

“Bl-ispejjez, bir-riserva ghal kwalunkwe kawza ghad-danni naxxenti minn dan l-ispoll mill-atti tal-konvenuti fuq imsemmija u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paul Farrugia, Giljan Farrugia u John Farrugia (fol. 16) li in forza taghha eccepew illi;

“1. qed tintalab is-soprasessjoni ta' din il-Qorti sakemm tigi deciza l-kawza Citazzjoni Numru 875/99 fl-ismijiet “Stella armla ta' George Agius v. Anton Camilleri f'ismu proprju u f'isem MS&A Developments Limited u Bonavia Brothers Limited” fejn qed jigi allegat illi l-attur ikkommetta spoll fil-konfront tal-atturi Agius;

“2. preliminarjament, l-azzjoni hija perenta bid-dekors ta’ xahrejn;

“3. minghajr pregudizzju, l-esponenti ma ghamlu ebda att spoljattiv;

“4. Illi l-esponenti dejjem kellhom il-pussess u jew detenzjoni.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Stella Agius (fol. 24) li in forza taghha eccepiet illi;

“1. preliminarjament hemm lok li ssehh il-konnessjoni ta’ din il-kawza mal-kawza fl-ismijiet Stella armla ta’ Gorg Agius v. Anton Camilleri et (Citaz. Nru: 875/99RCP). F’dawk il-proceduri l-eccipjenti ntavolat kawza ta’ spoll fuq dik il-parti tal-art li kienet fil-pussess taghha u li f’Marzu 1999 sar xoghol fiha mis-socjeta` attrici u terzi, minghajr ebda jedd u giet ikkagunata wkoll hsara.

“2. minghajr pregudizzju ghall-premess m’hemmx l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi azzjoni ta’ spoll.

“3. l-eccipjenti hija mara anzjana u ma tohrogx mid-dar. Hija ma mbarret ebda entratura u ma nvadiet ebda proprjeta` tas-socjeta` attrici. L-eccipjenti tikkontesta l-asserzjoni li l-porzjon art in kwistjoni hija proprjeta` tas-socjeta` attrici.

“Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

“Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.”

Rat li b’digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju 2001 gie ordnat li din il-kawza tinstema’ mal-kawza fl-ismijiet **Stella armla ta’ George Agius v. Anton Camilleri pro et noe** peress li l-meritu kien konness;

Rat li dik il-kawza l-ohra (Citaz. Nru. 875/99) giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Novembru 2001, u minnha ma giex intavolat appell;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Ottubru 2006 li in forza taghha cahdet it-talba [recte: talbiet] attrici, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta’ spoll. Is-socjeta` attrici li kellha fil-pussess taghha l-ambjenti msemmija qed issostni li giet spoljata mill-azzjoni tal-konvenuti illi unilateralment ghalqu l-access ghal dawn l-ambjenti.

“Kif hu risaput huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta’ spoll tirnexxi u dawn huma;

“1. il-pussess,

“2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta` tal-attur, u

“3. li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

“Il-konvenut qed jikkontesta l-ewwel u l-ahhar rekwizit; qed ighid li l-attur ma kellux pussess skond il-ligi u li l-azzjoni ma saritx fi zmien xahrejn imsemmija fil-ligi, kemm dik sostantiva u kemm dik procedurali.

“Fuq il-fatti ftit hemm kontestazzjoni. Is-socjeta` attrici kienet xtrat il-proprjeta` taghha f’Gunju 1998 u ftit gimghat wara l-Gvern permezz tad-dipartiment koncernat esproprja l-art adjacenti biex ikun jista’ jsir iz-zvilupp. F’Novembru 1998 il-Kummissarju tal-Artijiet kiteb lill-atturi u qalilhom; “*In terms of Section 12(3) of Chapter 88 you are hereby authorised to enter upon and take possession of the plot at Saint Julian’s which has been declared*

*required for a public purpose in virtue of the attached Government Notice 589 published on the 21st July, 1998.*"

"Mill-provi jirrizulta li f'April 1999 l-atturi bdew jizviluppaw l-art in kwistjoni izda mill-ewwel sabu resistenza mill-konvenuti Farrugia u iben il-konvenuta Agius (billi din hija mara anzjana sew u hija konfinata f'sodda ma hadet ebda sehem f'xejn li jirrigwardja l-kawza). Dakinhar infatti l-atturi hadu ufficjali tal-Pulizija fuq il-post u l-konvenuti ghamlu xi tankijiet biex jimpedixxu li l-attur ikomplu jghaddu. Billi skond l-istess konvenuti Farrugia, baqghu jghaddu n-nies billi jwaqqghu it-tankijiet, ghamlu *fence* f'Dicembru 2000.

"Il-konvenuti, kif jidher min-noti tal-eccezzjonijiet taghhom ipproponew kawza ta' spoll ukoll kontra l-atturi – giet deciza dik istitwita minn Stella Agius ghax dik li fethu l-ahwa Farrugia ma gietx deciza u jidher li marret dezerta. It-talba tal-konvenuta Agius giet michuda ghaliex skond din il-Qorti, ladarba saret il-procedura tal-esproprjazzjoni mill-Gvern, il-pussess ghadda f'idejn il-Gvern minn dakinhar li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u ghalhekk l-attrici ma kellhiex iktar il-pussess. Din is-sentenza ghaddiet in gudikat u allura l-konvenuti strettament ma jistghux f'dan l-istadju jeccepixxu l-principju *vim vi ripellere licet* ghaliex ma kienx ghad baqghalhom il-pussess u ma jistghu qatt ighidu li gew spoljati huma. Madankollu jidher car mill-provi illi huma rrezistew mill-ewwel lis-socjeta` attrici meta din marret tiehu l-pussess tal-art u infatti huma mmedjatament istitew proceduri ta' spoll fil-konfront taghha ghalkemm kif gia` inghad l-azzjoni ta' Agius giet respinta minhabba f'dak li inghad. Ghalhekk is-socjeta` attrici qatt ma kellha pussess fil-veru sens tal-kelma – il-fatt li d-Dipartiment tal-Artijiet kiteb l-ittra msemmija ghall-iskop ta' din il-kawza mhux materjali. Il-pussess ma jinghatax semplicement b'ittra izda b'att materjali li jkun visibbli. Huwa ghalhekk li l-azzjoni ta' spoll hija wahda ta' ordni pubbliku - biex ma jsirx ksur tal-*istatus quo* fuq agir unilaterali ta' xi hadd li jidhirlu li ghandu jaghmel dan.

"Jidher ukoll li l-atturi gew indotti jipprocedu civilment mhux tant meta l-konvenuti ghall-ewwel darba waqqfuhom

(anke b’att materjali billi poggew it-tankijiet) izda meta saru jafu li gie mtella l-*fence*. L-atturi (senjatament id-direttur tas-socjeta` attrici, Anton Camilleri) lanqas jistghu jghidu li ma kienux jafu bl-ispoll izda anke kieku dan kien il-kaz, skond diversi sentenzi dan il-fatt u cioe` it-trapass ta’ xahrejn joqtol l-azzjoni, ghaliex il-kliem tal-ligi u cioe` Artikolu 535 (1) tal-Kapitolu 16 hu car, u cioe` li l-azzjoni trid tigi ntavolata mhux iktar minn xahrejn qabel sar l-ispoll u ezattament *fi zmien xahrejn mill-ispoll.* Ladarba s-socjeta` attrici giet ostakolata f’April 1999 l-azzjoni spoljattiva saret dakinhar – il-kawza saret fl-2001.

“Infatti fil-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet <u>Michael Mamo v. Philip Grima</u>, fis-7 ta’ Frar, 1958, gie ritenut illi;

““*Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gurnata tal-ispoll u mhux minn meta l-attur sar jaf bih, u kwindi l-azzjoni tkun perenta jekk tigi ezercitata wara xahrejn minn meta jkun sar l-ispoll, avolja l-attur ma jkunx jaf bih filwaqt.*”

“Hu minnu wkoll li certi sentenzi jghidu li f’kaz simili l-azzjoni tista’ tigi konvertita f’wahda ta’ manutenzjoni, izda dan ma jistax isir meta l-kliem uzat fic-citazzjoni jindikaw kjarament illi l-azzjoni hija wahda ta’ spoll u meta c-cirkostanzi tal-kaz ma jkunux imbaghad jippermettu rimedju simili (Ara perezempju s-sentenza John Mary Galea v. Giuseppi Formosa deciza fit-12 ta’ Dicembru 1982 – Prim Awla tal-Qorti Civili - Imhallef Hugh Harding).”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu talbet li, ghar-ragunijiet minnha premessi, din il-Qorti joghgobha:

“......tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Ottubru 2006 u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet maghmula minnha, bl-ispejjez istanzi kontra l-konvenuti.”

Rat ir-risposta ta' Giljan Farrugia u John Farrugia li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li l-appell tas-socjeta` attrici ghandu jigi michud;

Rat ir-risposta ta' Stella Agius li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbet li l-appell tas-socjeta` attrici ghandu jigi michud;

Rat ir-risposta ta' Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina mahtura kuraturi biex jissoktaw il-kawza minflok Paul Farrugia stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza, li in forza taghha eccepew biss li ma humiex edotti mill-fatti u rrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu il-fatti – haga li baqghet ma saritx;

Rat li fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2010 quddiem din il-Qorti, id-difensuri prezenti rrimettew ruhhom ghall-atti, u l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Din hi kawza ta' spoll, fejn it-talbiet attrici gew michuda mill-ewwel Qorti wara li gie kkonstatat li s-socjeta` attrici ma kellhiex il-pussess tal-art in kwistjoni u li, f'kull kaz, l-azzjoni ma saritx fi zmien xahrejn mid-data tal-allegat spoll. Is-socjeta` attrici appellat u ssostni li hi kellha pussess materjali u ta' fatt tal-art u li agixxiet entro xahrejn mill-ispoll.

Is-socjeta` attrici ghandha art f'San Giljan li hi trid tizviluppa. L-access ghal din l-art hija minn fuq art tal-istess socjeta` u art ta' terzi, u dan minn triq progettata li, pero`, baqghet ma gietx formata. F'Lulju tal-1998, il-Gvern ta' Malta esproprja l-art ta' terzi mehtiega biex issir it-triq u b'ittra ta' Novembru 1998, is-socjeta` attrici giet awtorizzata *to enter and take possession of the plot of St. Julians* biex tkun tista' ssir it-triq bhala access ghall-proprjeta` taghha. Is-socjeta` attrici dahlet fuq is-sit u bdiet tikkostruwixxi t-triq; fil-process hemm rapport tal-

perit Alexander Bezzina datat 20 ta' April 1999 li kkonferma li t-triq *is being constructed* fit-terminu tal-iskemi tal-lokal u fuq l-art li kienet giet esproprjata ghal dak l-iskop. Hu jzid li *this road needs to encroach further to the West in order to be in its exact proposed alignment.* Jidher li sakemm kienet qed issir din it-triq, il-konvenuti ippruvaw b'diversi modi iwaqqfu li jsir ix-xoghol; ipprezentaw diversi rikorsi fejn talbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex jitwaqqaf ix-xoghol, li kollha gew michuda, u anke ppruvaw jimblokkaw l-access b'tankijiet li pero` gew imwarba mis-socjeta` attrici biex tkompli bl-access taghha ghall-proprjeta` taghha. Eventwalment, il-konvenuti ghalqu l-access b'*fence* li skond rapprezentant tas-socjeta` attrici itella' fis-26 ta' Dicembru 2000. Il-konvenuti jaccettaw illi huma tellghu l-*fence* "lejn l-ahhar ta' Dicembru tas-sena 2000."

Din il-Qorti tara li, trattandosi ta' fatt li din hi kawza ta' spoll fejn m'ghandhomx jigu diskussi materji li jolqtu direttament id-drittijiet reklamati minn kull naha, is-socjeta` attrici ghandha ragun fl-appell taghha. Mhux michud li l-art in kwistjoni kienet f'idejn il-konvenuti li kienu qed jahdmu l-art ghall-agrikoltura. F'Lulju tal-1998, il-Gvern esproprja l-art in kwistjoni u fit-termini tal-Artikolu 12(3) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Kummissarju tal-Art awtorizza lis-socjeta` attrici tidhol f'dik l-art u tiehu pussess taghha. Is-socjeta` attrici, wara li rceviet din l-awtorizzazzjoni, qabdet kontrattur biex jaghmel it-triq. Ix-xoghol, fil-fatt beda jsir u kif inghad il-perit Bezzina kkonferma li kien qed isir ix-xoghol skond il-pjanti u l-iskema mahruga mill-awtoritajiet. Din it-triq avolja ghada mhux asfaltata, infethet u bdiet tintuza mis-socjeta` attrici biex taccedi bil-vettura ghall-proprjeta` taghha. Hu veru li l-konvenuti kienu qed joggezzjonaw li tinfetah it-triq, tant li kien hemm xi kuntratturi mqabbda mis-socjeta` attrici li bezghu u rriffjutaw li jaghmlu x-xoghol, pero`, eventwalment ix-xoghol sar u t-triq infethet.

Fil-fatt, certu Carmelo Farrugia, xhud prodott mill-konvenuti kkonferma li qabel ma sar il-*fence* "il-passagg kien diga` tlesta'" tant li, kompla jghid, qabel ma sar il-

*fence*, Anton Camilleri ufficjali tas-socjeta` attrici "seta jidhol fl-ghalqa u ahna ghamilna l-*fence* u wara li ghamilna l-*fence* ma setax jidhol izjed."

Minn dan isegwi li s-socjeta` attrici kellha pussess tat-triq in kwistjoni. L-azzjoni ta' spoll hi intiza biex tipprotegi kwalunkwe pussess, anke dak merament ta' fatt u mhux sostnut b'xi dritt legali. F'dan il-kaz, jirrizulta li s-socjeta` attrici wara li giet hekk awtorizzata mill-Kummissarju tal-Artijiet, hadet pussess fiziku tal-art in kwistjoni, ghamlet triq mill-istess u bdiet tuza l-istess bhala access. Dan it-tehid ta' pussess ma sarx b'xi vjolenza jew illegalment b'mod li l-konvenuti kienu jkunu intitolati jirreagixxu *vi aut clam,* basta b'mod immedjat. <u>Il-pussess inghata f'idejn is-socjeta` attrici in forza tal-ligi</u>, u nonostante d-diversi intoppi li holqulhom il-konvenuti, baqghu jzommu l-istess pussess u holqu fuq l-istess art triq jew passagg, li kien jintuza b'mod regolari. Anke jekk il-konvenuti jhossu li ghandhom jikkontestaw l-ordni ta' esproprjazzjoni nnfisha (haga li sal-lum ma jidhirx li saret bil-mod li trid il-ligi), jibqa' l-fatt li s-socjeta` attrici kellha pussess tal-art, it-triq giet imwittija u bdiet tintuza bhala access, tant li l-konvenuti htiegilhom jaghmlu *fence* biex izommu lin-nies tas-socjeta` attrici milli jkomplu jghaddu minn dak il-passagg.

Ghar-rigward iz-zmien tal-ostakolu, hu veru li ghal habta ta' Marzu tal-1999, il-konvenuti ppruvaw jinblokaw it-triq b'tankijiet; dawn tpoggew, kif xehed certu Charles Hersey, xhud iehor prodott mill-konvenuti, "l-ghada li nfethet it-triq". Dan l-ostakolu, pero`, tnehha mis-socjeta` attrici peress li ma kienx ostakolu fiss. Dan l-'ispoll' tnehha f'waqtu, u s-sitwazzjoni regghet ghal li kienet, sakemm sar il-*fence* fiss lejn l-ahhar ta' Dicembru 2000. Din il-kawza infethet fil-15 ta' Frar 2001, jigifieri entro x-xaghrejn minn meta ttellghet il-*fence* li hu l-meritu tal-kawza. L-opposizzjoni ghat-triq bdiet issir minn hafna qabel, pero`, l-access qatt ma gie maghluq b'mod li tellef b'mod effettiv l-uzu tal-istess access, hlief wara t-tluh tal-*fence.* Is-socjeta` attrici setghet tipprocedi ghar-reintegrazzjoni anke wara t-tqieghid tat-tankijiet, pero`, ghal dak l-ostokalu pprovdew huma stess u l-materja waqfet hemm,

fis-sens li l-konvenuti ma rreagixxewx gudizjarjament ghat-tnehhija. Peress li baqghu jghaddu n-nies minn fuq il-passagg, il-konvenuti ghalqu l-istess b'*fence*, li biex jitnehha, is-socjeta` attrici agixxiet tempestivament b'dawn il-proceduri.

L-indagini li trid issir f'kawza ta' spoll hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna, u hija ntiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess <u>biex jigi impedut lic-citaddin privat li jiehu l-ligi f'idejh</u>. Din il-Qorti ma tistax u mhux se tidhol fi kwistjonijiet ta' dritt li jistghu jolqtu l-interessi taz-zewg partijiet, u thalli dawn impregudikati, izda ghal fini ta' din l-azzjoni sejra tordna r-reintegrazzjoni biex it-triq/passagg jerga' jithalla liberu u accessibbli kif kien qabel ma itella l-*fence*.

Jirrizulta wkoll li l-konvenuti, flimkien mal-ohrajn, ippartecipaw fit-tlugh tal-*fence* u kwindi bhala awturi jew komplici fl-att spoljattiv, jistghu jigu kkundannati jispurgaw l-istess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tghaddi biex tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghal fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta' hmistax-il jum mil-lum biex jitnehha l-*fence* u jerga' jinghata l-access liberu minn fuq it-triq ossija passagg meritu tal-kawza. Fin-nuqqas li dan isir, il-*fence* jista' jitnehha mis-socjeta` attrici appellanti, a spejjez tal-konvenuti appellati, u taht is-supervizjoni tal-A.I.C Mario Cassar (li l-ispejjez tieghu jkunu wkoll a karigu tal-konvenuti).

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, ghandhom jithallsu mill-konvenuti appellati *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------